MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 926/2006

**Martin Debono**
**Vs**
**Anton Dougall**
**u Astoria Limited (C. 03786)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuti ihallsu ghal provizjoni ta' servizzi varji skond l-'*invoice*' anness u ammontanti ghal cifra ta' elf u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1025.77), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disghin Ewro u erbghin Ewro centezmu (€2390.40). Illi kemm il-darba l-konvenut gie mitlub jaderixxi u jirrispetta l-ftehim li ghamel mal-attur, pero', baqa' inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew fl-ewwel lok u *in linea* preliminari illi Anton B.Dougall personalment mhuwiex il-legittimu kontraddittur ghat-talbiet attrici u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-

ispejjez ghall-attur, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-attur fil-vesti tieghu personali.

Illi *in linea* preliminari ukoll, l-azzjoni odjerna hija intempestiva billi l-konvenuti ilhom jitolbu lill-attur jipprovdi rendikont aktar car u dettaljat tax-xogholijiet u servizzi allegatament ipprovduti.

Illi, minghajr pregudizzju ghal premess u fuq il-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li:
a) ma huwiex minnu illi l-attur ezegwixxa x-xogholijiet u s-servizzi kollha minnu reklamati, ossija illi dawn gew ordnati mill-konvenuti;
b) minghajr pregudizzju ghall-premess, dawk ix-xogholijiet ezegwiti u s-servizzi pprovduti mill-attur sar kollu hazin u minghajr sengha u l-arti;
c) minghajr pregudizzju ghal premess, fl-ezekuzzjoni tax-xoghol u servizzi pprovduti mill-attur, gew ikkagunati danni lill-konvenuti, li ghalihom huwa responsabbli l-attur;
d) il-prezz reklamat mill-attur huwa f'kull kaz eccessiv.

Ra x-xhieda tal-attur li kien jahdem bhala haddied u fiz-zmien li kien jahdem ghall-konvenut kellu impjegat mieghu u kien ilu jahdem bhala haddied ghal hames snin, u mbaghad ighid li kien ilu jahdem ghal hdax/tnax-il sena.

Kien ilu jahdem ghall-konvenut ghal cirka tlett snin. Ighid li l-konvenut qatt ma kien ihallas mill-ewwel. Jispjega kif l-konvenut kien f'okkazzjoni wahda, talbu jahdimlu xi tabelli kbar u zghar biex iwahhal ir-reklami fuqhom tal-hanut tieghu.

Jikkonferma li ma kienitx saret ordni globali, ghaliex waqt li kien qed jahdem fuq il-post, il-konvenut kien ordnalu xi xogholijiet ohra, flimkien mal-ewwel ordni.

Il-konvenut qatt ma kellu lmenti u wara li kien ilestilu bicca xoghol kien jerga' jordnalu xi bicca xoghol ohra, izda madanakollu ma kienx hallas il-bilanc li kellu tax-xogholijiet. Il-konvenut kien hallas biss mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe' ekwivalenti ghal mittejn u tnejn u tlettin

Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmu (€232.94). Kien hallas dawn il-flus ghaliex kien ghamel xi xogholijiet u l-konvenut ma riedx ihallas sakemm jara x-xogholijiet, izda kien impossibbli li fi zmien sitt xhur ma kienx hdejn '*ir-restaurant'* tieghu ghaliex kien jara l-vettura tieghu hemmhekk. Ghalhekk l-attur kien waqaf ghal xi xahrejn ghaliex hass li ma kienx gust li jibqa' jahdem u ma jithallasx. Il-konvenut beda jinsisti li ma riedx ihallas ghaliex ix-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti.

Ighid li kien ghamel xoghol ta' transport bi pjacir ghall-konvenut u kienu zewg haddiema. Jikkonferma li kien izomm bil-hames Liri Maltin (Lm5) u cioe' ekwivalenti ghal hdax-il Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (€11.65). Ighid li ma kienx il-konvenut li kien jinkarigah personalment, izda kien hemm certu Horace u l-*manager* Peter li kienu jinkarigawh u dan fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Kien ghamel ukoll xi xoghol ta' alterazzjonijiet go bank, u kien qed jitlob l-ammont ta' dan ix-xoghol u dan fuq inkarigu jew tal-konvenut jew tal-'*manager*' jew Peter impjegat tieghu.

Kien ukoll ipprovda '*cement'* fuq talba ta' Peter u dan kien talbu biex idahhal l-ispejjez tieghu fil-kont ukoll. Kien ghamel ukoll xi saqaf tal-injam.

Ighid ukoll li x-xoghol ta' hadid li kien ghamel kien galvanizzat u ghalhekk kien hemm certa immunita' mis-sadid, minkejja li mhux mija fil-mija. F'dan il-kaz, peress li t-tabelli gew installati hdejn il-bahar, is-sadid seta' johrog bejn sena u sentejn wara. Kien jehtieg li jsir il-manutenzjoni billi l-oggett jerga' jinzebah.

Jinnega li kien hu li kien wahhal ir-ritratti fuq it-tabelli, pero', meta twahhlu dawn it-tabelli jinsisti li twahhlu '*b'silicon'* u meta dan joqoghod hdejn l-ilma tal-bahar, jibda jissaddad u jaghmel reazzjoni. Generalment jikkonferma li jekk ix-xoghol ma jkunx hdejn il-bahar, sakemm il-hadid ma jigix migruf jew jinghata access ghal arja, il-galvanizzar ghandu jservi ghal ghaxar snin. Hdejn

il-bahar ix-xoghol idum anqas u jikkonferma dak li jsostni l-Profs. Maurice Grech.

Fuq **Dokument AD1** jispjega li kien hemm sadid peress li kellu jsir *'reinforcement'* permezz tal-'*welding'* u allura ma kienx hemm galvanizzar. Wara li ghamel il-'*weldind'* kien ta passata zebgha u dan ma jkunx galvanizzat u ghalhekk ma jistax jaghti l-istess protezzjoni bhalma jaghti l-galvanizzar. Ma setax jaghmel mod iehor ghaliex ma setax inehhi l-istruttura minn postha.

B'dan kollu kien jaf il-konvenut Dougall, u jikkonferma li ma kienx tah garanzija li l-oggetti tal-hadid li hadem ma kienux ser jissaddu.

Jispjega ukoll li fl-inhawi tal-proprjeta' tal-konvenut kien induna li kien hemm xoghol li kien galvanizzat, izda kien hemm ukoll is-sadid.

L-attur ikompli jispjega illi kien hemm zewg '*poles*' li kien xtarahom diga' ggalvanizzati u mbaghad kien hemm xi hamsa ohra li kienu mwahhlin u dawn ukoll kien hadhom biex jigu ggalvanizzati jghid li kien hadhom id-***Drydocks***.
Kien xtara ukoll l-pjanci kollha minn barra, pero' ma kienux tawh garanzija mal-akkwist. Il-'*poles*' u l-pjanci kienu jidhru galvanizzati sew.

Il-galvanizzar isir billi jdahhluh go l-actu sabiex inehhu l-kimika u z-zjut u mbaghad jibbanjawh fiz-zingu jew hemm sistema ohra li tigi adottata u din hija li jigi sprejat iz-zingu.

Ighid li ma kellux garanzija li x-xoghol kien sar sew, pero' kien rah u kien jidher li kien tajjeb.

F'dan il-kaz, jispjega kif hu kien ha l-oggetti zghar biex jigu ddipjati fiz-zingu u mbaghad wara li gew iwweldjati kien rega' hadhom sabiex jigu ggalvanizati bl-'*ispray*' u dan sabiex jekk ikun tnehha xi galvanizzar jerga' jitghatha. Peress li l-istruttura kienet kbira bilfors kellu jadotta din is-sistema.

Minhabba li xi kultant l-galvanizzar bid-‘*dip*’ ikun naqra ahrax, kien ha l-istrutturi gol-garaxx u wara li uza s-‘*sand paper’* jisprejja fuqhom.

Generalment ighid li dan it-tip ta’ galvanizzar kien jirrikjedi li z-zebgha tinghata wara tlett xhur, izda hu kien jadotta sistema fejn juza’ l-actu u mbaghad ikun jista’ juza’ z-zebgha, imbaghad tah iz-zebgha u l-‘*undercoat’.* Iz-zebgha kien dak tal-hadid. Ma kienx uza ‘*silicone*’ u jinsisti li t-tabelli li kien hadem kienu sabiex jitwahhlu r-reklami tal-konvenut fuqhom.

Ighid li l-konvenut qatt ma kien ilmenta dwar ix-xoghol u kien ghamel uzu minnu immedjatament, pero’ ma kienx hallsu u kien baqa’ jigri warajh ghall-pagament ghal tlett xhur shah.

L-attur zied ighid ukoll li peress li t-triq kienet dizlivellata bilfors kellu jaghmel ‘*extra support*’, li gie galvanizzat, pero’ kellu jigi iwweldjat ukoll sabiex ikun jista’ jaghti s-‘*support*’ necessarju. Jichad li kull fejn kien hemm il-‘*welding*’ kien hemm is-sadid. Illum ighid li dawn il-‘*boards*’ kienu gew iwweldjati.

Ra x-xhieda ta’ Mario Mifsud, li jokkupa l-kariga ta’ spizjar u *manager* tal-laboratorju forensiku.

Mifsud ighid li kien gie inkarigat mill-attur bhala perit *ex parte* sabiex janalizza xi tabelli u biex jistabbilixxi li dawn kienu gew galvanizzati.

Akkumpanjat mill-attur kien ha kampjun minn fuq it-tabelli kull fejn kien hemm is-sadid. Il-pjanca giet maqtugha minn mat-tabella.

Sabix ghamel l-analizi tal-metal, uza s-sistema ta’ ‘*scanning electron microscope*’ u dan sabiex l-kampjun jitkabbar sabiex ikun jista’ jigi analizzat.
Ix-xhud ikkonferma li l-galvanizzar kien sar sew bis-sistema ta’ ‘*hot dipping*’ u lanqas kien irrizulta li kien hemm ‘*cracking*’ fil-galvanizzar.

Peress li rrizulta li kien hemm sadid fuq it-tabelli, mill-analizi li ghamel, rrizultalu li kien hemm tracci ta' '*silicone*' u presumibilment sabiex twahhlu dawn it-tabelli, ntuza' s-'*silicone*'.

Kien f'posizzjoni li jikkonferma li l-galvanizzar kien ikkorrodja minhabba li kien gie utilizzat is-'*silicone*' fuq dawn il-pjanci.

Dwar il-fatt li t-tabelli kienu jinstabu vicin il-bahar, ighid li jekk il-galvanizzar isir sew, l-effett tal-bahar m'ghandux jikkaguna '*corrosion*', izda fil-kaz in kwistjoni peress li s-'*silicone*' wassal ghal '*corrosion*', l-effett tal-bahar kompla jaggrava s-sitwazzjoni.

Ra x-xhieda tal-konvenut Anton Dougall, '*managing director'* tas-socjeta' konvenuta ***Astoria Ltd*** u jispjega li meta kien qed jagixxi kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' ***Astoria Ltd*** u li hu u ibnu biss, bhala diretturi tal-istess socjeta' kellhom l-awtorita' sabiex jaghtu istruzzjonijiet.

Jikkonferma li kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xogholijiet fil-postijiet taghhom, fosthom kienu ordnaw *bollards*, tabelli, twieqi tal-hadid u peress li l-post kien jinstab vicin il-bahar, kienu riedu li dan il-hadid jigi ggalvanizzat.

Ix-xoghol kien ghal '*catering' ta' 'beach club'*. Kienu nkarigawh ghaliex kien ghamel xi xoghol fil-'*car park*' li kien hemm faccata ta' ***Villa Rosa*** u x-xoghol li kien sar kien perfett, ghaliex kien ghadu tajjeb sa' llum.
Ighid li kienu nfurmaw lill-attur li xtaqu jwahhlu xi sinjali fuq dawn it-tabelli u kien ha l-qisien tat-tabelli, kif kellu bzonn. Fi zmien sena kien beda johrog is-sadid u kienu avzawh mill-ewwel.

Ighid ukoll li malli rcevew il-kont kienu kkontestawh ghaliex kien jinkludi spejjez ta' transport ghaliex kienu talbuh igorr *board table* minn Rahal Gdid sa' San Giljan u kien gabha kollha migrufa.

Jinsisti li kien qed jikkontesta li fix-xoghol li kien ghamel kien hareg is-sadid u jekk l-attur seta' jaghti gustifikazzjoni tal-vjaggi tat-traspost li ghamel kien dispost li jhallas taghhom.

Jichad li kien ta' xi struzzjonijiet lill-attur sabiex jinngeozja ma' Horace jew Peter.

Dwar ic-'*cement*' ighid li sa' fejn jaf hu kienu jixtruh minghand l-'*ironmongery'* u mhux minghand l-attur.

Jispjega li l-attur qatt ma tah ricevuti mal-'*invoice'* li tah. Qatt ma tah garanzija li x-xoghol kien galvanizzat. Jaqbel ukoll li kien hemm parti mill-hadid li kien kbir u dan ma setax jigi iddipjat gol-galvanizzar, izda mill-verifiki li kien ghamel, kien hemm parti biss fejn il-galvanizzar ma setax isir.

Ra x-xhieda tal-Professur Maurice Grech, '*mechanical engineer*', pero' ukoll iggradwat fl-istudju ta' materjali.

Ighid kif il-galvanizzr isir billi l-ewwel il-hadid jigi ddipjat go banju tal-'*flux'*, b'temperatura ta' 400 grad '*celsius*' u dan sabiex jitnaddaf il-materjal. Il-hadid imbaghad jitpogga go zingu mahlul. Jekk il-galvanizzar isir sew idum bejn sitta jew seba' snin sakemm ikun hemm is-sadid.

Fuq talba tal-konvenut kien ezamina xi xogholijiet li kien ghamel l-attur, xi '*boards*' fejn kellhom jitwahhlu xi affarijiet fuqhom, xi '*sign posts*' kif ukoll xi tabelli u '*poles*'.

Jispjega kif Dougall kien qallu li x-xogholijiet kienu saru xi sena u nofs qabel u kien sorpriz bl-istat ta' deterjorazzjoni taghhom. Kien hemm oggetti li kienu ddeterjoraw kompletament u mbaghad kien hemm oggetti ohra fejn kien hemm '*corrosion*', u kkonkluda li dan kien minhabba li kien sar '*welding*', ghaliex meta jigi wweldjat il-hadid, tigi uzata temperatura gholja u *per konsegwenza* jigi distrutt il-galvanizzar li jkun sar.

Il-'*welding*' gieli huwa inevitabbli minhabba li l-oggett jinserta kbir u f'dak il-kaz sabiex jigi rrimedjat il-'*welding*' ikun jehtieg li, fejn jigi distrutt il-galvanizzar, dik il-parti trid terga' titnaddaf sewwa, terga' tintuza zebgha taz-zingu apposta u mbaghad isir il-'*coating*' kif suppost.

Fil-kaz fejn kien hemm '*board*' kbira illi twahhlet fuq il-'*pole*', il-'*welding*' seta' jigi evitat u facilment setghu jigu ntuzati viti.

Jispjega ukoll li peress li x-xoghol kien jinstab fil-vicinanzi tal-bahar, dan seta' kkontribwixxa ghas-sadid, fis-sens li, jekk ix-xoghol dejjem ikun sar skond is-sengha u l-arti, is-sadid ma kellux ghalfejn jidher qabel seba' snin u mhux wara sena u nofs.

Ix-xhud ighid ukoll, li l-oggetti in kwistjoni kienu pjuttost kbar u allura ma kienx possibbli li l-'*welding*' isir qabel u mbaghad jittiehdu ghal galvanizzar, pero' l-'*welding*' seta' jigi evitat fi kwalsiasi kaz. Ghal oggetti zghar, dawn setghu jittiedhu sabiex isir il-'*welding*' u mbaghad il-galvanizzar.

Il-Profs. Grech jikkonferma li qatt ma kien iltaqa' mal-attur u kien ta' spjegazzjoni fuq l-oggetti li kien urih il-konvenut u allura ma setax jikkonferma li kien ghamilhom l-attur.

Ix-xhud ighid ukoll li ma kienx ghamel analizi kimika tal-oggetti u apparti li dan ix-xoghol kien jirrikjedi hafna spejjez, kien ovvju li s-sadid kien jinstab fejn kien sar il-'*welding*' u bbaza l-konstatazzjonijiet tieghu minn ezami vizwali u ma setax jikkonferma b'certezza li l-'*corrosion*' sar bir-rizultat tal-fatt li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Il-'*welding*' kien fattur importanti li wassal ghas-sadid.

Jinsisti li l-applikazzjoni ta' kimika bhal '*silicon*' fuq l-oggetti wara li tlesta l-galvanizzar, il-'*welding*', kif ukoll iz-zebgha, ma setax ikkontribwixxa ghal '*corrosion'.* Pero', forsi saret xi reazzjoni kimika minhabba l-kontenut tas-'*silicon*' jekk gie applikat fil-postijiet indikati.

Is-sadid kien f'postijiet aktar specifici u dan kien fejn sar il-'*welding*'.

Ma kienx ghamel analizi kimika u ghalhekk ma setax jikkonferma li kien hemm is-'*silicone*'.

Wara li jsir il-*'welding'* sabiex ix-xoghol isir sew, ikun jehtieg, li t-toqba tinghalaq b''*washers*' tar-'*rubber*' jew tal-gilda u b'hekk jigi evitat li jidhol l-ilma jew arja li taghmel is-sitwazzjoni aghar.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

**Legittimu Kontradditur**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija li Anton B.Dougall ma kellux interess guridiku vis-a-vis l-attur u dan meta kien ordna xi xoghlijiet minghand l-attur kien qieghed jagixxi *qua* direttur tas-socjeta' ***Astoria Limited***, socjeta' li kienet tiggestixxi ristorant.

Anton B.Dougall jikkonferma li hu kien direttur tas-socjeta' konvenuta, flimkien ma' ibnu.

Fl-istess ittra ufficcjali tat-28 ta' Settembru, 2006, mibghuta mill-attur lis-socjeta' konvenuta hemm ikkonfermat li kienu qed jitolbu l-pagament minghand is-socjeta' peress li Anton B. Dougall kien tah istruzzjonjiet "***bhala direttur tas-socjeta' intimata."***

Ghalhekk dan it-Tribunal, jaqbel mal-eccezzjoni tal-konvenut li hu mhux legtittimu kontraddittur, ghaliex in-nexus guridiku ma kienitx tezisti mieghu personalment, ghaliex personalment ma kienx jiehu hsieb ***Nero Café***, izda kienet is-socjeta' konvenuta li kienet tiehu hsieb dan il-post u x-xogholijiet li kienet ordnat minghand l-attur.

**L-Intempestivita' ta' l-azzjoni**

Il-konvenuti eccepew l-intempestivita' ta' l-azzjoni peress li kienu ilhom jitolbu lill-attur jaghtihom rendikont tal-ispejjez li kien qed jitlob. Sa' l-ahhar, il-konvenut Anton B. Dougall jibqa' jinsisti li kien hemm xi spejjjez li ghalihom ma kienx hemm spjegazzjoni plawsibbli minghand l-attur, bhal per ezempju fil-kaz tat-trasport, fejn l-'*invoice*' ezebita, l-attur qieghed jippretendi li kien hemm tmintax-il vjagg, b'hames Liri Maltin (Lm5) cio' ekwivallenti ghal hdax-il Ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€11.65) kull siegha.

Apparti minn hekk, il-konvenut ried ukoll spjegazzjoni ghal akkwist tac-'*cement'*.

Il-konvenuti jichdu ukoll li kienu taw istruzzjonijiet lill-attur sabiex jikoordina x-xoghol tieghu ma' certu Horace u Peter, li kienu mpjegati mas-socjeta' konvenuta. L-attur jinsisti li kien il-kontra u kien jiehu hsieb li jitkellem ma' Horace u Peter u li kienu tawh istruzzjonijiet sabiex jixtri c-'*cement*', u kien ghamel ukoll xi saqaf tal-hadid u bank ta' l-injam fuq ordnijiet minghandhom.

Hemm verzjonijiet kontrastanti fuq minn u jekk verament kien hemm ordnijiet ghal dan ix-xoghol, pero' dejjem tibqa' maggorment in kontestazzjoni li l-attur qieghed jippretendi li jithallas ghax-xogholijiet li kien ghamel tal-hadid u l-konvenuti qedghin jikkontestaw ghaliex fil-fehma taghhom, ix-xogholijiet ma kienux saru skond is-sengha u l-arti, haga li dan it-Tribunal ser jezamina hawn taht. In vista ta' dan biss, l-azzjoni mhix wahda intempestiva, izda kellha bilfors tigi istitwita, gialadarba, l-konvenuti jew min minnhom, jallega li kien hemm debitu dovut minn wiehed mill-konvenuti u fi kwalunkwe kaz il-konvenuti kienu qed jirrijutaw li jhallsu minghajr distinzjoni. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

**Xogholijiet mhux ordnati mill-konvenuti**

Eccezzjoni ohra mqajjma mill-konvenuti hija li l-attur kien ezegwixxa xogholijiet li ma kienux gew ordnati minnhom. Jissemmew persuni li presumibilment donnhom b'xi mod kienu mpjegati mas-socjeta' konvenuta u skond l-attur

kienu tawh diversi istruzzjonijiet u qatt ma kien ha jew ircieva xi istruzzjonijiet minghand l-konvenut, fil-kapacita' tieghu personali jew fil-kapacita' tieghu bhala direttur tas-socjeta' konvenuta.

L-attur naqas li jressaq lil dawn il-persuni li semma' bhala xhieda sabiex jissostanzja l-posizzjoni tieghu . Huwa minnu li mill-'*invoice*' mahrug mill-attur jirrizulta li kien hemm certi spejjez li kienu qed jigu mitluba bhala dubbjuzi, bhal per ezempju l-kwantita' tat-trasport, li donnu qed jinsisti li kien ghamel madwar tmintax-il vjagg, pero', fl-ebda stadju tal-provi ma tah spjegazzjoni kif wasal ghal dan l-ammont, minkejja li l-konvenut kien dispost li jasal ghal ftehim mieghu jekk kien jispjegalu meta kien ghamel dawn il-vjaggi kollha.

Fuq ic-'*cement*', il-konvenut ghal darb'ohra hu taht l-impressjoni li kienu dejjem jixtruh mill-'*ironmonger*' u ghalhekk ma setax jifhem kif kien l-attur li kien xtrah.

L-attur ma pprezenta l-ebda rcevuta ta' l-infiq u lanqas ressaq lil Horace, li skond hu kien talbu jixtrih.

Ghalhekk, hemm wisq inkonsistenzi sabiex dan it-Tribunal jasal biex jaqbel ma' l-attur fuq dawn l-ispejjez.

**Xoghol li kien hazin u li ma sarx skond is-sengha u l-arti**

Is-socjeta' konvenuta kienet ordnat xogholijiet ta' hadid minghand l-attur, konsistenti f''*poles*' u tabelli, sabiex jitwahhlu reklami fuqhom.

Tul il-proceduri, li pjuttost hadu xejra kemm xejn teknika, gie spjegat li l-hadid jehtieg li jkun galvanizzat wara li jsir '*hot dipping*' u dan sabiex jigi kopert biz-zingu. Gie kkonfermat ukoll li jekk il-galvanizzar ikun sar kif suppost, ghandu jibqa' bla ma jsaddad ghal cirka ghaxar snin, izda peress li dawn ix-xogholijiet kienu jinstabu fil-vicinanzi tal-bahar, il-probabilita' kienet li kien idum inqas.

Ghal darb'ohra, l-attur, kif ukoll il-konvenuti, kellhom idejat kontrastanti dwar jekk ix-xogholijiet kienux saru skond is-sengha u l-arti. L-attur jinsisti li da parti tieghu kien ghamel xogholu sew, u cioe' l-galvanizzar kien sar tajjeb u kif suppost, izda l-izball kien da parti tal-konvenuti ghaliex kienu wahhlu r-reklami fuq it-tabelli, permezz ta' l-uzu ta' '*silicone*' li mhux oggett li jintlaqa' tajjeb meta jmiss maz-zingu ghaliex ikollu reazzjoni kimika li twassal sabiex il-galvanizzar fuq il-hadid jikkorodi u jibda jissaddad.

L-attur ezebixxa dokument fuq l-uzu limitat tas-'*sealers'* fejn indika li dan m'ghandux jigi ntuzat; "***on or near sensitive metals such as copper, brass, zinc, carbon, steel, galvanized iron or magnesium, these metals may be corroded, especially in confined cure conditions, due to the acetic acid released during the cure." (vide fol. 66 tal-process).***

Fuq inkarigu tal-attur gie nominat bhala espert *ex parte* Mario Mifsud, li wettaq analizi kimika fuq kampjun ta' parti msadda u kkonferma li rrizultalu li kien hemm il-presenza ta' '*silicone*' u dan kien fattur wiehed li wassal ghas-sadid.

Fattur iehor li ddetermina Mario Mifsud kien li kien hemm partijiet tal-hadid fejn minkejja li kien galvanizzat, kien mar il-protezzjoni taz-zingu u kien ghalhekk, li bil-presenza fil-vicin tal-bahar, dan kompla jikkontribwixxi ghas-sadid.

Il-konvenuti ukoll hassew il-htiega li jappuntaw ukoll espert *ex parte* u f'dan il-kaz kien il-Profs. Maurice Grech, li m'ghamilx analizi kimika ta' fejn kien irrizulta s-sadid, izda kien ghamel ezami vizwali ta' fejn kien ra is-sadid. Ma kienx ghalhekk fi grad li jistabilixxi li kien hemm tracci tas-'*silicone'*, pero' kien jahseb li l-uzu ta' l-istess kien difficili biex iwassal ghal '*corrosion',* pero' seta' kien hemm reazzjoni kimika li kellu l-effetti msemmija u ma kienx qed jeskludi li din ma kienitx xi haga barra minn hawn, izda kien aktar konvint li kien hemm is-sadid fejn kien sar il- '*welding'*. Minkejja li l-espert kien jaqbel li l-fattur tal-bahar u l-melh seta' kkontribwixxa ghal hrug tas-sadid, pero' jekk il-galvanizzar ikun sar sew, ma kellux

johrog is-sadid qabel ta' l-anqas seba' snin, izda f'dan il-kaz kien hareg wara sena u nofs. Apparti minn hekk, pero' l-espert jinsisti li s-sadid kien aktar ikkoncentrat fil-postijiet li kien sar il-'*welding*'.

Kien hemm oggetti li kienu pjuttost kbar u ghalhekk kien impossibbli li jsir il-galvanizzar band' ohra, pero' jinsisti li l-'*welding*' seta' jigi evitat billi minflok uza viti biex iwahhal il-'*boards'* mal-arbli. Peress li sabiex isir il-'*welding'* jehtieg uzu ta' temperatura akbar min dak li jigi intuzat sabiex isir il-galvanizzar, dan iwassal sabiex jigi distrutt il-galvanizzar u *per* konsegwenza dik il-parti trid terga' titnaddaf sewwa, tintuza zebgha taz-zingu apposta u mbaghad isir il-'*coating'* kif suppost.

*Inoltre*, facilment tista' tidhol l-arja u twassal sabiex l-oggett jissaddad jekk ma jintuzawx '*washers*' tar-'*rubber'* jew tal-gilda.

It-Tribunal ghandu stampa cara ta' dak li probabilment kienu l-fatturi li wasslu ghal problemi ta' '*corrosion'* fil-hadid fi zmien qasir, *considerando,* li suppost ix-xoghol kien gie ggalvanizzat.

L-ewwel ipotesi hija li meta l-attur ghamel xoghol ta' '*welding*', primarjament dan seta' jevitah u minflok uza viti, kif suggerixxa l-Profs.Grech, ghaliex bl-istess '*welding'* ikkaguna hsara lill-galvanizzar u dan ma giex trattat biz-zebgha u l-'*coating'* kif suppost.

Fil-fatt, Grech jinsisti li l-akbar problema ta' '*corrosion'* kienet l-aktar kkoncentrata fil-postijiet fejn kien car li kien sari l-'*welding*'.

Tenut kont tal-fatt li l-Profs.Grech m'ghamilx analizi kimika ta' kampjun mehud mis-sadid, ghaliex dan kien jinvolvi spejjez eccessivi, hemm l-analizi maghmula minn Mario Mifsud, l-espert *ex parte* mqabbad mill-attur, li kkonferma li kien irrizultalu li kien hemm tracci ta' '*silicone'* fuq il-kampjun li ttiehed minnu. Ta spejgazzjoni dettaljata ukoll tar-reazzjoni li seta' jkun hemm bl-uzu ta' '*sealer sealant'* fuq il-hadid iggalvanizzat.

Fl-ebda hin ma gie kontradett dak li jsostni dan l-espert u f'nuqqas ta' analizi ohra u b'analizi reqqa tar-ritratti li gew esebiti, minn fejn jirrizulta li xi haga twahhal fuq dawn il-'*boards',* it-Tribunal hu aktar konvint, li kien gie uzat is-'*silicone*' u li dan kien fattur iehor li wassal ghas-sadid, bl-unika differenza, li dan ma setax kien responsabbilita' tal-attur.

Flimkien ma' dawn il-fatturi, kien hemm fattur predominanti iehor u cioe' l-vicinanza tal-bahar li bl-arja u l-melh, qatt ma setghet tghin, anzi minflok tkun ghamlet il-'*corrosion'* aktar rigoruz.

**Danni**

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li minhabba li l-attur kien ghamel xoghol mhux skond is-sengha u l-arti, ghalhekk ikkagunalhom danni, pero', minn dak li ghadu kemm osserva dan it-Tribunal, l-attur ma jistax ikun responsabbli ghal hsarat kollha li kien hemm, minkejja li fil-maggoranza taghhom, kienu aktar predominanti u vizibbli fejn kien jinstab il-'*welding*', aktar minn fejn kien gie uzat is-'*silicone*'.

**Prezz Eccessiv**

Fl-ahhar eccezzjoni, l- konvenuti jikkontendu li l-prezz reklamat mill-attur kien eccessiv.

Minn dak kollu li osserva dan it-Tribunal, u cioe' li kien hemm partijiet fejn ix-xogholijiet ta' l-attur ma kienx ta' livell u standard rikjest skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk mhux soddisfacenti, il-konkluzjoni ghandha tkun pero' li bla ebda mod l-attur m'ghandu jinzamm kompletament responsabbli, aktar minhabba li ma kienx hu li wahhal is-'*silicone'*, sabiex jitwahhlu r-reklami.

Izda huwa minnu ukoll, li l-attur qed jippretendi hlas ta' xi xogholijiet li hemm dizgiwd fuqhom u dan it-Tribunal diga' ssottolinea li l-attur ma rnexxielux jikkonvincih li kien hemm spejgazzjoni ghall-ispejjez tat-trasport. Fuq l-'*bench*

*alteration'* ma kienx hemm provi konkreti u lanqas fuq ic-'*cement*', l-'*wooden ceiling*', u '*installing door'*.

Ghalhekk it-Tribunal ma huwiex ser jqis u jikkalkola dawn l-ispejjez fil-kwantifikazzjoni finali tieghu.

Minhabba li kien hemm tlett fatturi li dan it-Tribunal huwa konvint li wasslu u kkontribwew flimkien ghal problemi li jiffurmaw il-mertu ta' dina l-kawza, l-attur m'ghandux ibati *in toto* l-ispejjez u dan meta jitqies li mhux ix-xoghol kollu ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk, in vista ta' dan thoss li l-attur ghandu jithallas biss terz tal-ispejjez rikjesti minnu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:-

i) jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement jillibera lill-konvenut Dougall mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghall-attur.

ii) jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

iii) jilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

iv) jilqa' in parti r-raba' u l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta'

v) jilqa' s-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' mija u dsattax-il Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm119.12) u cioe' ekwivalenti ghal mitejn sebgha u sebghin Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu (€ 277.47) u cioe' terz tal-ammont pretiz (minhabba li kien hemm tlett fatturi kontributorji, kif issemma' aktar l' fuq) u dan wara li tnaqqsu l-ispejjez li ma kienx hemm rendikont ghalihom u li gew indikati aktar l'fuq u cioe' fuq ispejjez tat-trasport (disghin Lira Maltija (Lm90) u cioe' ekwivalenti ghal mittejn u disa' Ewro u erba' u sittin Ewro centezmu €209.64) , fuq l-'*bench alteration*', ( tnejn u tlettin Lira Maltija Lm32 u cioe' ekwivalenti ghal erba' u sebghin Ewro u erba' u hamsin Ewro centezmu €74.54) fuq ic-'*cement*' (tlettax-il Lira Maltija u tmenin centezmu Lm.13.80 u cioe' ekwivalenti ghal tnejn u tlettin Ewro u hmistax-il Ewro centezmu €32.15), l-'*wooden ceiling*', (tnejn u sebghin Lira Maltija Lm72 u cioe' ekwivalenti ghal mija u seba' u sittin Ewro u wiehed u sebghin Ewro

centezmu €167.71) u '*installing door*' (hmistax-il Lira Maltija Lm15 u cioe' ekwivalenti ghal erba' u tlettin Ewro u erba' l disghin Ewro centezmu €34.94), b'total ta' mittejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltija u tmenien centezmu Lm222.80 u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u tmintax-il Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu €518.98.

Minhabba n-natura tal-kaz, salv dawk diga decizi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------